# L-Avukat Ġenerali jagħti raġun lil BirdLife Malta

## M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-insib tal-għasafar tal-għana, u d-deroga tmur kontra d-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar

Jekk qatt kien hemm xi dubju li m'hemmx ġustifikazzjoni għall-insib tal-għasafar tal-għana f'Malta u li d-deroga mid-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar tmur kontra l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, dan tneħħa mill-Avukat Ġenerali stess li suppost li qed jiddefendi l-pożizzjoni tal-Gvern Malti fil-kawża li fetħet il-Kummissjoni Ewropea kontra Malta fl-2015 u li se tinstema' għada quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Lussemburgu.

Dan għaliex, kif kien żvelat minn gazzetta lokali nhar il-Ħadd, minflok jiddefendi l-argumenti tal-Gvern Malti, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali mhux qed jaqbel mal-pożizzjoni li adotta l-Gvern u qed jgħidlu li din il-kawża ma tistax tintrebaħ għax m'hemm l-ebda mod kif wieħed jista' jiddefendi d-deroga.

F'konferenza tal-aħbarijiet quddiem il-Qorti fil-Belt Valletta, **il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima** spjega li kif kien żvelat mill-MaltaToday fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, meta fl-2014 il-Gvern Malti ddeċieda li jibqa' għaddej u jiftaħ l-istaġun tal-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana, għamel dan kontra l-parir tal-Avukat Ġenerali u minkejja t-twissija tal-istess uffiċċju biex l-istaġun ma jinfetaħx u biex id-deroga ma tkunx applikata.

Dan kien wassal biex f'Ottubru ta' dik is-sena l-Kummissjoni Ewropea kitbet biex titlob formalment lill-Gvern biex iwaqqaf din il-prattika (*letter of formal notice*), u wara li eventwalment bagħtitlu twissija oħra (*reasoned opinion*) f'Mejju tal-2015 li l-Gvern Malti kkontesta, ma kellhiex triq oħra ħlief li tieħu lil Malta quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja f'kawża li nfetħet kontra pajjiżna f'Settembru tal-istess sena.

Fi ftit kliem, l-Avukat Ġenerali:

(i) Ma qabilx mal-argumenti li qed iressaq il-Gvern u qallu ċar u tond li l-kawża ma tistax tintrebaħ,
(ii) Wissa lill-Gvern li l-argumenti legali tiegħu biex jiġġustifika t-tħaddim tad-deroga huma dgħajfin ħafna,
(iii) Wissa li Malta ma kellha l-ebda ċans li tiddefendi b'suċċess il-każ tagħha u allura m'għandhiex tapplika d-deroga,
(iv) Saħaq li d-deroga tmur proprju kontra l-iskop u l-ispirtu tad-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar,

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

(v) Wissa lill-Gvern li jekk se jibqa' għaddej u japplika d-deroga – kif fil-fatt għamel – se jkun qed imur kontra l-pariri legali li kien qed jagħtih b'mod konsistenti,

(vi) Qal lill-Gvern li l-ebda ammont ta' retorika ma kien se jipperswadi lill-Qorti Ewropea biex ma tiddeċidix kontra Malta.

Eventwalment, skont ir-rapport fil-gazzetta, il-Gvern għażel li xorta jibqa' għaddej kontra dawn il-pariri tal-Avukat Ġenerali li injorahom u ħa opinjoni legali indipendenti. Tant li nifhmu li għall-kawża ta' għada fil-Qorti Ewropea l-Onor. Segretarju Parlamentari Roderick Galdes għażel li jingaġġa entità legali barranija biex tiddefendi l-pożizzjoni tal-Gvern Malti.

**Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana**, li wkoll indirizza lill-ġurnalisti, qal li l-pariri tal-Avukat Ġenerali lill-Gvern jagħtu ragun lil BirdLife Malta u lil dak li ilha tgħid sa mill-2014, jiġifieri li d-deroga applikata mill-Gvern Malti mhijiex ġustifikabbli fuq bosta livelli.

Primarjament din id-deroga tmur kontra l-ispirtu tad-Direttiva Ewropea tal-Għasafar u fil-każ ta' Malta saħansitra aktar minħabba li s-seba' għasafar tal-għana permessi li jkunu maqbuda huma kollha speċi protetti. Kif tista tiġġustifika l-insib ta' għasafar protetti? Fatt ieħor huwa li l-metodu tradizzjonali tal-insib bl-użu ta' *clap-nets* f'Malta mhuwiex selettiv u huwa speċifikament imsemmi u pprojbit mid-Direttiva tal-Għasafar. Finalment il-Gvern Malti qiegħed jipprova jiġġustifika l-istaġun tal-insib sempliċiment għaliex hija attività soċjo-kulturali ta' divertiment li ilha ssir għal ħafna snin imma l-insib għall-gost mhux raġuni ġustifikabbli ("judicious" reason) għal din id-deroga tal-insib għax jeżistu alternattivi sodisfaċenti oħra.

Huwa fatt inkwetanti ukoll li s-sorveljanza stretta, li hija kundizzjoni ta' din id-deroga, mhi xejn ħlief farsa. Dan prinċipalment minħabba l-fatt li l-istess kundizzjonijiet stipulati mill-Gvern huma prattikament impossibbli li tinfurzahom.

Sfortunatament il-Pulizija huma reattivi u kważi qatt ma jieħdu l-inizjattiva biex jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom stess. Każ partikolari huma s-suq, jew aħjar in-negozju, tal-għasafar tal-għana. BirdLife Malta investigat is-swieq u l-ħwienet tal-*pets* matul l-istaġun fejn saru diversi rapporti lill-Pulizija. Il-Pulizija riċentement ikkonfermaw li huma investigaw dawn is-swieq u ħwienet b'reazzjoni għar-rapporti ta' BirdLife Malta u qatt ma marru minn jeddhom biex jinvestigaw. BirdLife Malta rnexxielha wkoll tieħu ritratti mill-ajru ta' mnasab u identifikat għexieren ta' mnasab illegali – ammont kbir ta' illegalitajiet għal pajjiż żgħir bħal Malta, u meta suppost li qed issir sorveljanza stretta fuq l-insib kif imwiegħed lill-Unjoni Ewropea.

**Il-Conservation Manager ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara**, min-naħa tiegħu, qal li BirdLife Malta ilha ssegwi mill-qrib l-andament ta' kull staġun tal-insib taħt din id-deroga sa minn meta bdiet tiġi applikata fl-2014. BirdLife Malta kienet konxja sa mill-bidu tal-problemi ta' infurzar li dan kien se jġib miegħu, b'aktar minn 4,600 nassab jingħataw iċ-ċans li jonsbu għall-għasafar tal-għana.

Sa mill-bidu tad-deroga l-liċenzji nfetħu bla skruplu għal kulħadd u minflok ġie mrażżan l-insib għal min forsi kien jipprattikah qabel, dan infetaħ għal nies li qabel lanqas biss kienu jħaddnu din it-'tradizzjoni'. Dan wassal għal eluf ta' mnasab reġistrati li l-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) infisha, flimkien mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u l-Pulizija wrew li ma setgħux jikkontrollaw. BirdLife Malta talbet aktar minn darba informazzjoni dwar fejn ġew awtorizzati dawn l-imnasab imma minkejja li din hi informazzjoni ambjentali li għandu jkollu dritt għaliha

kulħadd, sal-lum – sentejn wara – għadu qed jinstema' każ legali biex dan it-tagħrif isir pubbliku.

Fl-istess ħin, minn eżerċizzju li għamlet BirdLife Malta bl-użu ta' ajruplan u t-teħid ta' ritratti mill-ajru ta' dawn l-imnasab, irriżulta li 46% minnhom lanqas biss huma reġistrati. Il-parti l-kbira ta' dawn l-imnasab jinsabu f'siti Natura 2000 li l-ERA għandha l-obbligu li tipproteġi.

BirdLife Malta hi xettika wkoll dwar il-kundizzjonijiet tad-deroga. Sa 4,600 nassab b'żewġ imnasab permessi kull wieħed, jistgħu jonsbu 10 għasafar. Imma fit-tliet snin li matulhom ġiet applikata d-deroga darbtejn biss intlaħqet il-kwota ta' 500 fil-każ tal-Għasfur taż-Żebbuġ (Hawfinch). Fil-bqija, il-kwoti ma ntlaħqu qatt apparti l-fatt li d-dikjarazzjonijiet dwar kemm inqabdu għasafar jidħlu dejjem fl-aħħar jiem tal-istaġun.

Minbarra li n-nassaba setgħu jaqbdu aktar mill-kwoti b'ċerta faċilità għax ħadd ma jiċċekkjahom waqt li s-sistema tal-hekk imsejħa *spots checks* mhi xejn ħlief daħka fil-wiċċ, BirdLife Malta wriet ukoll kif is-sistema taċ-ċrieket li tintuża mill-gvern kienet falliment sa mill-bidu. Jeżistu wkoll dubji serji dwar x'sar mill-għasafar li nqabdu tul dawn it-tliet staġuni li ħafna minnhom ma jkollhomx ħajja twila u jispiċċaw imutu għax ma jgħixux ġo gaġġa. Dan ifisser li biex nassab ikun jista' jerġa' jonsob, ikollu jixtri minn xi mkien, u hu hawnhekk li jidħol element ikrah ta' din id-deroga – dak tan-negozju sfaċċat li qed isir b'dawn l-għasafar.

F'filmati li qed jixxandru għall-ewwel darba llum, BirdLife Malta qed turi xogħol li għamlet tul dawn l-aħħar xahrejn fost l-oħrajn fuq il-monti u f'diversi *pet shops* u li jservi ta' evidenza ta' kif l-għasafar li qed jinqabdu bis-saħħa ta' din id-deroga qegħdin bl-aktar mod sfaċċat jintużaw biex jiġġeneraw il-flus u l-kummerċ – u dan kollu f'wiċċ l-awtoritajiet li suppost qegħdin jagħmlu sorveljanza stretta.

Fi ftit kliem, id-deroga mħaddma fl-aħħar tliet snin mhux talli mhix ġustifikata imma talli lanqas tista' tiġi infurzata. Bil-mod kif inħarġu l-liċenzji u tħallew isiru l-imnasab u bin-nuqqas ta' rieda ta' infurzar, illum għandna sitwazzjoni ta' *free for all* għal kull min irid jabbuża.

Fi tmiem il-konferenza tal-aħbarijiet, BirdLife Malta appellat biex issa li huwa ċar li l-Gvern aġixxa kontra l-pariri legali tal-Avukat Ġenerali, l-Oppożizzjoni wkoll tiddikjara x'inhi l-pożizzjoni tagħha fuq din il-kwistjoni.

Filwaqt li veru li dan il-każ infetaħ kontra Malta, naqblu għalkollox mal-istqarrija maħruġa lbieraħ minn BirdLife Europe li l-poplu Malti qiegħed iżid fil-kuxjenza ambjentali tiegħu fuq kwistjonijiet tal-insib u kaċċa. L-azzjoni tal-Unjoni Ewropea hi kontra d-deċiżjoni meħuda mill-Gvern Malti biex jiftaħ staġuni tal-insib tal-għasafar tal-għana. Kieku l-Gvern ma ntrabatx b'wegħdiet politiċi u bbaża d-deċiżjonijiet tiegħu fuq il-prinċipji tal-konservazzjoni u fuq il-pariri legali li rċieva, kieku illum Malta ma tinsabx f'din is-sitwazzjoni.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org



**Ħoloq utli:**
Stqarrija maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea dakinhar li ressqet lil Malta quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar l-insib għall-għasafar tal-għana (Settembru 2015):
http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-5658_mt.htm

Il-kawża tal-Kummissjoni Ewropea kontra Malta:
http://bit.ly/2lCoxdB

Stqarrija maħruġa minn BirdLife Europe dwar il-każ:
http://www.birdlife.org/sites/default/files/attachments/birdlife_europe_press_release_13_02_2017.pdf

L-Avukat Ġenerali jagħti raġun lil BirdLife Malta:
http://www.maltatoday.com.mt/news/national/74347/we_cannot_win_trapping_case_ag_warned_government

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/JMtdHHepqe**

1. Insib għall-għasafar tal-għana fit-Tramuntana ta' Malta (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Ġojjin f'gaġġa (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. Ġojjini f'gaġġa (Ritratt ta' Nicholas Barbara)
4. Mansab f'Għawdex (Ritratt ta' BirdLife Malta)
5. Il-konferenza stampa ta' BirdLife Malta dalgħodu fil-Belt (Ritratt ta' Iryna Lukashuk)
6. Il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima jindirizza lill-ġurnalisti (Ritratt ta' Iryna Lukashuk)
7. Is-CEO ta' BirdLife Malta Mark Sultana fil-konferenza tal-aħbarijiet dalgħodu (Ritratt ta' Iryna Lukashuk)
8. Il-Conservation Manager ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara (Ritratt ta' Iryna Lukashuk)
9. Il-konferenza tal-aħbarijiet ta' BirdLife Malta dwar l-insib (Ritratt ta' Iryna Lukashuk)

**Niżżel il-filmat minn hawn:** https://we.tl/42lrDC32vu
**Arah fuq YouTube hawn: https://youtu.be/FSslrjKNLA8**

- Filmat li juri l-kummerċ illegali tal-għasafar tal-għana f'Malta (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Iryna Lukashuk)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna